# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 61/2016**

**Palace Gate Limited (C-26056)**

**vs**

**Jade Limited (C-9415)**

**Illum, 4 t'Awwissu 2016,**

Il-Bord;

Ra r-rikors guramentat tas-socjeta' rikorrenti li jghid hekk:

1. Illi r-rikorrenti Palace Gate Limited bhala successur fit-titolu ta' Edrichton Investments Limited hija proprjetarja tal-fond maghruf bhala *Going Places* fi Triq Ball, Paceville, San Giljan u hekk kif jirrizulta mill-kuntratt hawn anness bhala **Dokument PG1.**

2. Illi l-proprjeta' kienet mikrija lill-intimata liema kirja hija regolata mill-iskrittura pubblika ta' tas-7 ta' Lulju 1998 fl-atti tan-nutar Clyde La Rosa hawn anness bhala **Dokument PG2.**

3. Illi skont l-artikolu 8(a) tal-iskrittura ta' kera Dokument PG2 ir-rikorrenti ghandha d-dritt tittermina l-lokazzjoni f'kaz li 1-intimata bhala inkwilina tonqos milli thallas arretrati ta' kera fi zmien tletin (30) gurnata minn notifika ta' att gudizzjarju fejn jintalab pagament tal-arretrati;

4. Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 5 ta' Mejju 2016 u nnotifikata lill-intimata fis-6 ta' Mejju 2016 l-istess intimata giet mitluba thallas l-arretrati ta' kera Ii sa dakinhar kienu jammontaw ghal sbatax-il elf mitejn u wiehed u sebghin Euro u disghin centezmu (€17,271.79) ghall-iskadenza tal-perjodu bejn is-sittax (16) ta' Marzu 2016 u l-hmistax (15) ta' Gunju 2016; Kopja legali tal-ittra ufficjali **Dokument PG3.**

5. Illi minkejja din l-ittra ufficjali u l-interpellazzjoni cara li se jittiehdu proceduri l-Qorti nkluz proceduri ta' zgumbrament 1-intimata baqghet inadempjenti;

6. Illi ghalkemm l-ittra ufficjali giet nnotifikata lill-intimata fis-6 ta' Mejju 2016 ma hallsitx l-arretrati fit-terminu ta' tletin gurnata kif stipulat u ghalhekk ir-rikorrenti tqis din il-kirja terminata sa mis-7 ta' Gunju 2016;

7. Illi ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati, fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimata m'ghandhiex difiza xi tressaq ghat-talbiet li qeghdin isiru f'din il-kawza u r-rikorrenti qeghda tannetti dikjarazzjoni guramentata ta' Norbert Tabone dwar il-fatti tal-kaz bhala **Dokument PG4.**

Ghaldaqstant, abbazi tas-suespost, ir-rikorrenti titlob bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu:

i) Jilqa' t-talba sabiex dan ir-rikors jigi trattat bi procedura sommarja u minghajr ma jghaddi ghas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

ii) Jiddikjara illi r-rikorrenti ghandu dritt jittermina l-kirja tal-fond maghruf bhala Going Places, Triq Ball, Paceville, San Giljan ai termini tal-iskrittura ta' lokazzjoni dokument PG2 u ghalhekk il-kirja hija tterminata.

iii) Konsegwentement, jordna l-izgumbrament tal-intimata mill-fond imsemmi, ossia Going Places, Triq Ball, Paceville, San Giljan, u dan fi zmien qasir u perentorju.

iv) Tikkundanna lill-intimata thallas is-somma ta' sbatax il-elf mitejn u wiehed u sebghin Euro u disghin centezmu (€17,271.79) ghall-iskadenza tal-perjodu bejn is-sittax (16) ta' Marzu 2016 u l-hmistax (15) ta' Gunju 2016 kif fuq premess;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Mejju 2016 mibghuta kontra l-intimata illi hija minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta' ntimata kienet debitament notifikata bir-rikors promotur u bid-digriet tas-16 ta' Gunju 2016 fis-27 ta' Gunju 2016;

Ra illi s-socjeta' intimata kienet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh fit-18 ta' Lulju 2016;

Ra illi t-talba tas-socjeta' rikorrenti hija segwita b'dikjarazzjoni guramentata ta' Norbert Tabone f'isem l-istess socjeta' tal-fatti minnha maghrufa kompriz

id-dikjarazzjoni illi s-socjeta' ntimata m'ghandha l-ebda difiza valida x'tista' taghmel skont il-ligi;

Ra illi s-socjeta' ntimata ma ressqet l-ebda nota ta' oggezzjoni ghat-talbiet tas-socjeta' rikorrenti;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ra illi s-socjeta' ntimata msejjha tliet darbiet ma dehritx ghas-seduta tal-lum sabiex tikkontesta t-talbiet tar-rikorrent;

Ra illi fl-istess seduta, r-rapprezentant tar-rikorrenti Norbert Tabone kkonferma bil-gurament illi s-sitwazzjoni ghadha l-istess u li ma nbidel xejn minn meta gew istitwiti l-proceduri odjerni.

Iddecieda:

Ghaldaqstant, il-Bord peress illi jidhirlu li r-rikors odjern jimmerita illi t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti jkunu milqugha bid-dispensa ta' smiegh fit-termini tal-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-ligijiet ta' Malta, il-Bord qieghed jilqa' t-talbiet kollha tas-socjeta' rikorrenti u ghal fini ta' zgumbrament qed jipprefiggi zmien tletin (30) jum mil-lum.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mis-socjeta' ntimata.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur